# GRAZZJI MAQLUGĦA

*Rapport ta' Carmelina Busuttil fuq il-fejqan ta' Tessie Debono li toqgħod 55, Falzon Street, Sliema, li bil-permess tagħha dan ir-rapport qed jiġi ippubblikat.*

Tessie Debono kienet ilha tbati minn "ulcerative colitis" (infjammazzjoni b'ulċera fil-musrana fil-warrani) sa minn meta kellha 27 sena u issa għandha 57. Kienet tkun dejjem bil-kura, dieħla u ħierġa l-isptar. Spiss kienu jtuha ħasħażinijiet minħabba l-uġigħ, speċjalment dawn l-aħħar erba' snin u nofs.

F'Ġunju 1994, marret għand Mr. Anthony Zammit (*Surgeon*). Il-Profs. Caruana Galizia kien ħajjarha minn qabel biex tagħmel operazzjoni iżda kien wissieha li wara l-operazzjoni jkollha dejjem toqgħod bil-borża. Malli kien raha Mr. Zammit mill-ewwel induna li kienet gravi, u qallha li kellha tagħmilha mill-aktar fis.

Tessie daħlet l-isptar St. Luke's, f'Lulju 1994, u ħarġet xahrejn wara, f'Settembru. Qabel l-operazzjoni, fl-ewwel Ħadd ta' Lulju Miss Carmelina Busuttil kienet talbet lil Ġuża Mifsud biex titlob għal Tessie. Ġuża qaltilha: "Mela ma nitlobx", li tat lil Carmelina x'tifhem li Tessie kienet se tfiq imma mhux ħafif ħafif.

Carmelina u sħabha talbu ħafna lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni biex l-operazzjoni tirnexxi.

L-ewwel operazzjoni saret fis-16 ta' Lulju 1994. Però, minħabba l-emoraġija li kellha waqt l-operazzjoni, din kellha tieqaf u ssir operazzjoni oħra ġimgħa wara. Fl-ewwel operazzjoni Tessie kienet *weak* ħafna għax tilfet ħafna demm, tant li kellhom ituha 6 fliexken demm u spiċċat fl-I.T.U. Wara jumejn marret fil-*ward* u komplewlha l-kura. Tant kienet *weak* li fl-operazzjoni qalbha waqfitilha, kif immarkaw l-istrumenti.

Wara ġimgħa saret it-tieni operazzjoni; minħabba l-emoraġija kellhom jagħmlulha strument fil-warrani li bih kienet tbati ħafna, u la setgħet timxi u lanqas tiċċaqlaq. Kienet tiekol bi tbatija kbira.

Wara erba' ġimgħat setgħet tibda timxi u tiċċaqlaq. Imma l-istrument li għamlulha ġo l-warrani kien iweġġagħha ħafna u talbet lil Ġesù u lill-Madonna biex dan l-istrument joħroġ waħdu, għax ma felħitx aktar.

Darba ġiet in-*nurse* biex taħsilha u kien hemm il-professur li kuljum kien jipprova joħroġulha ftit ftit biex ma' tweġġax. X'kien l-iskantament tagħħom meta raw l-istrument ħiereġ waħdu!... Tessie lanqas indunat u ma ħasset xejn.

Sa hawn ir-rapport ta' Miss Carmelina Busuttil.

**Nota ta' l-Editur,**

Jiena, illum, 4 ta' Ġunju 1995, ċempilt lil Tessie Debono biex nitlobha xi spjegazzjoni u nistaqsiha kif inhi. Qaltli li hi dejjem titlob lill-Madonna u tixtieq tkun tista' tmur il-Girgenti. Hi tinsab tajba ħafna. Qaltli li kellhom ineħħulha biċċa kbira mill-musrana ffjammata u ħallewlha biċċa żgħira biss. Spiċċaw ukoll il-ħasħażinijiet li kien itiha spiss u tista' timxi normali, għalkemm bil-prudenza. Tessie tirringrazzja lill-Madonna għas-suċċess ta' din l-operazzjoni hekk serja.

Pubblikazzjoni Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 23 LULJU 1995 JITQASSAM BLA ĦLAS



*L-aħħar pellegrinaġġ ta' Mejju 1995*

# INTERVISTI LIL ĠUŻA MIFSUD

M'ilux kien hemm ir-rapport ta' intervista ta' Ġuża Mufsud f'waħda mill-gazzetti lokali li mliet żewġ faċċati tal-ġurnal.

Kulħadd jaf li Ġuża ma kellha l-ebda taħriġ ta' "elokuzzjoni" (kif tfisser ruħha bid-diskors) jew ta' "ġurnaliżmu". Għalhekk meta Ġuża tkellimna l-Girgenti, jew twieġeb għall-mistoqsijiet li jagħmlulha r-*reporters*, mhux dejjem tfisser sew il-ħsieb tagħha. Hi tkun taf sew xi trid tgħid imma d-diskors tagħha ma jwassalx dejjem b'mod ċar il-messaġġ li tkun trid tgħaddi lil ħaddieħor. Min ma jafx sew lil Ġuża jista' jifhem ħażin, jew mhux għal kollox, dak li tkun qed tgħid. Jiġri li min ikun qed jagħmel l-intervista u jkun forsi ltaqa' ma' Ġuża l-ewwel darba, ma jkunx kapaċi jifhem sew il-ħsieb tagħha biex ikun jista' jagħti ritratt siewi tal-ħajja twila, ħabrieka, kuraġġuża u qaddisa tagħha.

B'dana kollu, jgħidu x'jgħidu r-*reporters*, il-messaġġ ewlieni li twasslilna Ġuża mingħand il-Madonna hu ċar u urġenti: JEĦTIEĠ NITOLBU U NAGĦMLU PENITENZA u dawn it-tnejn imorru flimkien! Il-penitenza tiegħu ħafna għamliet li nistgħu niġbru f'ħaġa waħda: ħajja sinċerament nisranija fejn issir ir-Rieda t'Alla f'kollox, kemm magħna nfusna u kemm fl-imġieba tagħna mal-oħrajn. Mingħajr dan l-atteġġjament it-talb jibqa' mingħajr bażi. Ġesù qal: *"Mhux min jgħidli 'Mulej, Mulej' jidħol fis-Saltna tas-Smewwiet iżda min jagħmel ir-Rieda ta' Missieri."*

Fl-intervista li semmejt fil-bidu, hemm parti li m'għandha xejn x'taqsam mal-missjoni ta' Ġuża Mifsud. Dak li ġara l-Italja ma jidħol xejn fil-ħajja ta' Ġuża. Min-naħa l-oħra, il-grazzji kbar li ġew rappurtati f'*Leħen il-Girgenti* dawn l-aħħar ħames snin, ma ssemmew xejn. Il-fenomeni tax-xemx li ġraw fit-tmienja ta' Ġunju 1988, għall-ħabta tas-sitta ta' wara nofsinhar u li damu sejrin għal xi siegħa, ma ngħatawx dik l-importanza li għandhom. Sintendi *reporter* li ma kienx jaf b'dawn l-għeġubijiet (u oħrajn) ma jistax jifhem x'ġara u dak li jgħid fi ftit kliem ma jistax iwassal il-verità kollha u b'mod ċar!

Ir-*reporter* jispiċċa l-artiklu tiegħu b'dawn il-kelmiet: "Fatima, Lourdes, Medjugorje, il-Girgenti; għandna bżonnhom, jew li ħalla Kristu għandu jkun biżżejjed?" Ta' min jistaqsi: "Għaliex din il-mistoqsija ma saritx lil Ġuża stess?" Żgur li din kienet ittih risposta li tissodisfah!

Jidhirli li m'għandniex nitkabbru bina nfusna tant li nippretendu li nistgħu ngħidu lil Alla u lill-Madonna x'għandhom jagħmlu llum biex isalvaw id-dinja.



Alla biss jista' jagħmel mirakli u meta jagħmilhom ikollu għalfejn jagħmilhom għax Alla ma jagħmel xejn għal xejn!

Id-dehriet ta' Ġesù, tal-Madonna u ta' qaddisin oħra ma jobbligawniex nagħmlu "att ta' fidi". Imma min ma jemminx fihom hi affarih u m'għandux ifixkel, imaqdar jew iżeblaħ lil min il-Madonna qed tinqeda bih, jew lil min irid jemmen f'dawn id-dehriet u l-grazzji li jinqalgħu.

ALLA JINQEDA B'MIN HU DGĦAJJEF U UMLI GĦALL-ISKOPIJIET TIEGĦU TA' ĦNIENA LEJN L-UMANITÀ.

**L-Editur**

# SILTIET MIL-LAQGĦAT FIL-GIRGENTI

## Miġbura minn Dr. Sylvana Spiteri

### FRAR 1995

"Dak li qegħdin niġu hawn fuq u nsofru ftit noffruh għat-tpattija ta' dnubietna, għall-bżonnijiet u għall-konverżjoni ta' dawk illi telqu mill-fidi... Il-Madonna jisgħobiha illi m'għadniex bl-istess imħabba, bl-istess qies li konna fil-passat. Dak iż-żmien kien kollox il-Mulej, f'kollox konna naġixxu bħal aħwa imma llum le...

Jiena ż-żmien tiegħi ngħaddih fit-talb. Jiena m'iniex ngħidilkom biex ma tgħadduhx quddiem it-*television* imma... jiena ngħid li dawk huma affarijiet li ma tiehu xejn minnhom. Ftakru li t-talb jibqa' allavolja xi kultant ikun bil-bruda, dan it-talb ma jkunx ħiereġ mill-qalb għax ikollna nkwiet u ntoppi; imma tikkonfondux għax il-Mulej qiegħed fejna, l-ispirtu tal-Mulej qiegħed jiggwidana; il-Madonna mill-banda l-oħra qegħda tagħtina ħafna għajnuna u ma naqtgħux qalbna għax il-Mulej jekk nitolbuh bil-qalb jagħtina... Mhux veru li nitolbu għal xejn. Bħalissa d-dinja kollha qegħda tieħu mill-bard li qegħdin inħossu aħna hawn fuq...

Ma nisthux Malta appostolika, kattolika u minn kollox... u hawn dan is-serq kollu ġo Malta. Ejjew intom li tisirqu quddiem il-Madonna ħa nagħmlu paċi. Ejjew intom li toboghdu. Ġesù ġibhom lil dawk li joboghdu ħalli naqbdu id f'id u ma jkunx hawn mibegħda iżjed...

Ġo Malta issa nqlibna ta' taħt fuq. U dan sew, dan id-divorzju. Ommi kellha wieħed u tmenin sena u anka missieri. U mela qatt ma ġġieldu? Imma dejjem irrispettaw lil xulxin. Inkella hawn ħafna li raġel jieħu mara ta' raġel ieħor u mara tieħu raġel ta' mara oħra. Dan mhux sew għax isir l-inkwiet, ikun hawn it-tħarbit, ikun hawn il-mibegħda, ikun hawn l-intoppi mhux fid-dar biss imma anka fil-pajjiż. Jien ngħid għalija nitlob

ħafna biex Alla jgħaqqadhom fi żwieġ li ma jinħallx. Iż-żwieġ huwa ta' Kristu, Kristu rabtu iż-żwieġ. U għalfejn għandu jkun hawn dan it-tgħajjir u dawn l-intoppi?... Dan Alla jħares ma jkunx hemm nies ta' rieda tajba biex imbagħad jieħdu ħsieb it-tfal, għax imbagħad min jeħel? Povri tfal, hux! Jiena li kieku ommi ħalliet lil missieri ma naħsibx li kont inkun qegħda hawn għax kont inkun imħarbta. Imma ommi u missieri dejjem rabbewna kif kellhom irabbuna, Konna niltaqgħu ġo dik il-kamra jgħidulna r-rużarju. Kienet issajjar naqra ommi, u konna nikluha u dejjem infaħħru lil Alla. Konna nbatu imma dejjem għexna l-valuri u kif irid il-Mulej..."

Aktar tard Ġuża kkundannat il-firda li ġġib magħha l-politika. Hija qalet: "Il-partiti nitolbu għalihom biex Alla jagħtihom l-għajnuna, id-dawl, il-perseveranza. Taf għalfejn? Biex imexxu tajjeb... Aħna rridu nies li jimxu pass wara pass fuq it-tagħlim ta' Kristu li tant għallimna bil-prudenza, bl-imħabba, bil-karità, għallimna b'demmu... Dik il-vera mħabba, meta nħobbu lil xulxin u nkunu nafu li qegħdin inbatu ftit għal xulxin..."

## MARZU 1995

"Kif stajt nifhem mis-Sinjura tal-Ħajja fil-lejl ta' bejn il-Ħamis u l-Ġimgħa għandna bżonn nitolbu ħafna għall-agonizzanti għax qegħdin isiru ħafna mwiet bl-addoċċ. Dawn in-nies ma jkunu xejn ippreparati għall-mewt anzi jeħduha kontra l-Mulej Alla ta' l-Eżerċiti, kontra l-Mulej Ġesù ta' l-Ewkaristija, ħafna ma jemmnux fil-Madonna..."

Il-kliem tas-Sinjura tal-Ħajja huwa kliem qaddis, kliem mimli tama u mħabba. Ma noħduhomx biċ-ċajt l-affarijiet ta' Alla għax jiena kont ħa ngħid xi ħaġa imma ħa nżommha għax hemm xi ħaġa lanqas fuq il-blat ma rrida tasal aħseb u ara fuq Malta... Mill-erba' parti tad-dinja, inkluż Malta, qegħdin iberrqu ħafna affarijiet koroh... L-affarijiet ta' Alla għandna noħduhom bis-serjetà. Nitolbuh bil-qima u nqawwu l-fidi. Nagħmlu fidi fil-Mulej Ġesù ta' l-Ewkaristija biex dawk in-nies li huma ta' rieda tajba fostna l-Maltin u l-Għawdxin jekk jista' jkun ma jiqfux mit-talb tagħhom lejn is-sema biex Alla jħenn għalina l-Maltin u jevitalna dan il-ħażen li hawn fostna ta' dawn is-setet...

## 19 TA' MARZU 1995

"Nishru u nitolbu għax ġej xi ħaġa fuq id-dinja. Il-Mulej jissaportina u jieħu sabar imma mbagħad jagħdab meta jara dawn in-nies kollha li ma jemmnux fih. Ġo Malta m'għadniex ngħixu waħedna; sar għandna ħafna barranin li qegħdin jinfluwenzawna ħafna b'mod ħażin, ma jemmnu f'xejn, lanqas f'Alla. Kif tista' ma temminx f'Alla meta tħares lejn is-sema u tara l-ħolqien? Minn ġo Malta telgħin ħafna affarijiet koroh u l-Madonna qegħda titlob għalina quddiem il-Mulej biex ikollu ħniena minna. Ġo Malta għandna nies li huma ħafna mxajtna u għandna noqogħdu attenti minnhom.

Qegħdin fi żmien ir-Randan, nitolbu kemm nistgħu u nagħmlu penitenzi sabiex l-Id t'Alla tberikna. Jekk aħna ma ndurux lejn Alla kif suppost mhux ser jitfa' l-vera paċi fid-dinja. Il-vera paċi trid tiġi minn Alla u mhux



kif jifmuha r-rappreżentanti tal-ġnus li jridu jġibuha bil-missili u bil-qtil ta' ħafna nies. Għalhekk inqawwu l-fidi tagħna u nitolbu għall-konverżjoni tal-midinbin sabiex il-Mulej iberikna."

## APRIL 1995

"Meta s-Sibt 25 ta' Marzu 1995, jiena bdejt nitlob lill-Madonna, minnufih rajt dak il-wiċċ tagħha u għidtilha: "Għażiża Ommi Marija, kemm qed narak qalbek sewda!" Qaltli, "Binti, id-dinja u Malta wkoll, qegħdin jiskurawni ħafna, ma jemmnux fija, ma jemmnux fil-Mulej Ġesù ta' l-Ewkaristija. Għamilt ħafna ma' Malta, jiena, tlabt ħafna għal Malta fil-passat meta kien hawn il-mard. Għamilt ħafna fil-passat, anka li l-Mulej ippermetta li jiena iltqajt miegħek ġo din id-dar fqira imma li fiha sibt min jifhimni, sibt il-konsolazzjoni f'qalbi. Tant mexa dan il-messaġġ u sar ħafna ġid anka f'pajjiżek.

Jiena iltqajt miegħek kemm hawn u kemm f'dak il-wied tal-Girgenti. Għidilhom li hemmhekk huwa veru post ta' penitenza u min jitla' hemm fuq qiegħed ikun jaf li hu post ta' penitenza għax ibati ħafna. Kompli ħajjarhom biex jitilgħu hemm fuq u għidilhom li din l-għaqda ta' talb hija qaddisa, safja, mingħajr ġbid ikrah lejn id-dinja u komplu żommu nadifa u sabiħa din il-laqgħa hekk safja u qaddisa. Jiena nixtieqek ħafna issa li sirt bniedma anzjana biex tnaqqas ix-xogħol u dak kollu li m'għandux x'jaqsam mal-konverżjoni ta' l-erwieħ.

Il-qalb ta' Kristu hija mfarrka bit-tqarbin ħażin. Imbagħad hawn oħrajn li ma jemmnux f'Alla, fl-Infern, fil-Ġenna u ma jemmnux fija. Jiena Alla għażilni biex inkun omm Ibnu bħalma ġejt magħżula inti biex nagħtik dan id-diskors. Alla għażilni biex inkun omm Ibnu għax kont inżomm l-indafa ta' ruħi. Qatt ma bsart li ser inkun il-magħżula tal-Mulej.

Issa b'dana kollu Binti għandek tkun taf illi mid-dinja ta' dawn iż-żmenijiet ħiereġ ħażen kbir kontra tiegħi. Anka f'pajjiżek qegħdin jgħidu li jiena m'iniex il-vera Omm Alla u mbarra minn hekk hemm min jgħid li Ibni Ġesù ma hu xejn u oħrajn jgħidu biss li hu profeta."

Jiena ngħidilkom li dan hu kliem l-għażiża ommi Marija. Qegħdin fis-sena 1995 imma sas-sena 2000 id-dinja għandha tara ħafna affarijiet koroh. Nishru u nitolbu aħna ta' rieda tajba biex fuq Malta u d-dinja ma jsirux affarijiet koroh u tal-biża'."

Il-Madonna kompliet tgħidli: "Id-dinja mitfugħa fuq ħafna frugħa u vanità, swidija ta' erwieħ. Fl-affarijiet tad-dinja n-nies imorru bi ħġarhom filwaqt li l-knejjes huma vojta. F'kollox ħa jinqala' l-inkwiet anka f'dawn l-affarijiet." Il-Madonna urietni muntanji ta' nies li kienu qegħdin jaraw xi ħaġa, ma nafx hix xi speċi ta' ballun u qaltli, "Minn dawk in-nies kollha forsi ssib xi tnejn li huma ma' Alla. Il-bqija jinsewh lil Alla, jeqirdu kontra Alla.

Il-bniedem sa telgħa fil-qamar, mingħalih li ħa jiltaqa' mal-kbir Alla. Intefqu ħafna flus għal dan il-għan filwaqt li ħafna nies qegħdin imutu fit-toroq bil-ġuħ, faqar, mard, qtil ta' nies innoċenti, gwerer, nies jinħarqu.

M'iniex ħa ngħidlek li dawn l-affarijiet qatt ma kienu fid-dinja imma ħa ngħidlek li dawn huma l-agħar żminijiet li għaddejja minnhom id-dinja.

Jiena ħa ngħidlek binti, li ż-żmien li ġej wara dan iż-żmien mhux ser ikun sabiħ. Ma hux ser ikun sabiħ xejn għax id-dinja mhix temmen f'Alla, lil Alla neħħewh min-nofs, lil Ġesù qed jistmgħuh ħafna ħażin fl-Ewkaristija. Dawn in-nies qatt ma jagħtu ħarsa lejn is-sema u jgħidu bħalma tgħid int: 'Ikun imfaħħar Alla, Ġesù ta' l-Ewkaristija, flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu', u ssemmi anke lili. Fid-dinja hawn ħafna dlam, biżgħa, erruri mir-rappreżentanti tal-ġnus. Dawn billi jgħidu li jridu l-paċi u l-għaqda, dan mhux veru li jridu l-paċi u l-għaqda għax ħadd minnhom ma jitlob lil Alla biex jagħtihom il-paċi kif suppost għandhom jagħmlu.



*Il-Madonna tal-Girgenti*

Mela int u dawk li jitolbu miegħek, li huma ta' rieda tajba itolbu ħafna, 'O kbir Alla Missier irridu nagħmlu penitenza l-aktar kbira ħalli Inti tberikna, taħfrilna u tgħadirna.' Penitenza oħra nagħmluha għal pajjiżna biex Alla jerġa' jagħtina u jqawwilna l-fidi li ġabilna missierna San Pawl. It-tielet penitenza nagħmluha għall-bżonnijiet tar-rappreżentanti tal-ġnus tad-dinja kollha biex iqawwu l-fidi, ineħħu d-dlam li għandhom fuqhom u jduru kif suppost lejn il-kbir Alla l-Missier, lejn Ibnu Ġesù fis-sema u fl-Ewkaristija u lejn l-Ispirtu s-Santu Alla...

Jiena f'dan il-messaġġ żammejt tliet punti. Dawn il-punti m'humiex sbieħ tafux. Tliet punti immirati għad-dinja... u jista' jkun fil-qrib ukoll...

Għandna bżonn nitolbu u nitolbu ħafna, mhux li noqogħdu bil-kuruna tar-rużarju f'idejna tafux. Il-ġurnata kollha nistgħu nagħmlu l-aqwa meditazzjoni. Jien, ngħid għalija, spiss ngħid, 'Mulej kemm inti kbir, Mulej ħenn għall-erwieħ, Mulej ikollok ħniena mill-midinbin, Mulej ikollok ħniena mill-agonizzanti kollha...' Il-bieraħ tant kont għajjiena għall-ħabta tal-11.30 p.m. illi għidtlu: 'Ġesù m'iniex ħa nitlob, ma niflaħx nitlob... ħa nagħtik dan il-ftit mistrieħ fuq il-pultruna bl-uġigħ li għandi.' Tafu x'rajtu dan? Rajtu fidda sejjer fuq l-erwieħ dak it-talb..."

## 23 TA' APRIL 1995

Ġuża qalet li Ġesù ta' l-Ewkaristija qalilha: "Għid ma kullimkien li Ġesù qiegħed jiġi iddisprezzat fis-sagrament il-kbir tat-Tqarbin, minn xi idejn infami, li l-ewwel jagħmlu ħafna affarijiet koroħ b'idejhom u mbagħad tiġi l-ġurnata tal-Ħadd u jmorru jilqgħu l-Ostja... Dak għalija disprezz... Itlob ħafna u ġiegħel lil min jitlob biex dik l-Id imqaddsa u setgħana tal-Missier



li għandi fis-sema ma tagħmilx affarijiet li jridu jġiegħeluha tagħmel dawn id-dnubiet li telgħin mid-dinja għal quddiem it-tron Tiegħu. Ishru u itolbu għaliex jien qiegħed inġedded il-passjoni allavolja qiegħed fil-glorja tal-Missier Etern. Jien għamilt ħafna fid-dinja biex il-bniedem inġiegħelu illi qatt ma jaqbad toroq tad-dlamijiet... Għidilhom illi jien jisgħobini li ħadt passjoni bħal dik u neżlin daqs dawk nies l-infern... U d-dinja tant qegħda tixjieħ minħabba d-dnub... Paċi ġibt ħafna, qaddisin saru ħafna, fuq l-eżempju tiegħi imxew ħafna... Iżda hawn ħafna ħażen kontra l-imqaddsa purità, ħażen kontra l-bniedem, gwerer, nies li jabbużaw minn persuni innoċenti, minn saċerdoti li m'humiex jistmaw is-sagrifiċċju l-aktar kbir li qiegħed nagħmel fit-tabernakli tad-dinja kollha fejn nitlob lill-Missier Etern biex iniżżel il-barka tiegħu fuq l-art u ngħati l-paċi..."

# AVVIŻI

1. L-Editur jirringrazzja lil dawk li bagħtulu xi kontribuzzjoni għall-ispejjeż tal-fuljetti li jirċievu bil-posta.
2. Nappellaw lil min jaqla' xi grazzja mingħand il-Madonna, biex jiktbilna kelmtejn u jtina n-numru tat-telefon biex l-Editur ta' dan il-fuljett ikun jista' jagħmel kuntatt miegħu.
3. Meta tkunu tridu xi informazzjoni fuq il-Moviment tal-Girgenti tistgħu tiktbu jew lis-Segretarja: Dr. Sylvana Spiteri, LL.D.<br>6, A/2 Main Street, Siġġiewi.<br>jew lill-editur: Bro. Victor Privitera FSC,<br>Stella Maris College, Gżira.
4. L-Assemblea Ġenerali se ssir fit-tielet Ħadd ta' Lulju 1995 fis-6.00 p.m. Navżaw lil min irid joħroġ bħala kandidat għall-Kumitat il-ġdid li se jiġi elett f'dik il-laqgħa, li għandu jitlob formola ta' Applikazzjoni lis-Segretarja u jibgħatielha lura mhux aktar tard minn ġimgħa qabel l-Assemblea Ġenerali. Infakkrukom li dawk li huma Tesserati biss, jistgħu ikunu Kandidati għall-Kumitat. Tagħrif ieħor ġie mogħti fil-fuljett ta' April 1995 (№ 22)
5. Navżaw li hemm għall-bejgħ kotba ta' talb u kant, li għadna kif stampajna u li jinxtraw 25ċ-il wieħed. Hemm ukoll ippubblikati: il-ħames ktieb bil-Malti u r-raba' ktieb bl-Ingliż, fuq il-Madonna tal-Konsagrazzjoni u li jagħtu dettalji oħra fuq il-messaġġ tal-Madonna li tgħaddilna Ġuża waqt il-laqgħat tal-Girgenti.

DIKJARAZZJONI: Il-Bord Editorjali ta' dan il-Fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.